MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 1376/1998/1

Kawza fil-lista: 30

**A B C**
**vs**
**D C personalment, u bhala kuratrici ad litem tal-minuri E F C**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ppremetta u talab hekk:

Peress li l-partijiet izzewgu fl-ghoxrin (20) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u disgha u tmenin (1989) u miz-zwieg taghhom kellhom tifla unika, E F li hija minorenni u li ghandha seba' (7) snin;

Peress li l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibli minhabba swat, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi kontra l-attur da parti ta’ l-istess martu l-konvenuta, anke fil-presenza tal-minuri, kif ukoll tkissret irrevokabilment;

Peress li in forza ta’ digriet tat-3 ta’ Marzu, 1998, mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili l-istess Onorabbli Qorti tat l-awtorizzazzjoni ghal kawza odjerna, kopja tieghu hawn annessa u mmarkata Dok A;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, tghid il-konveuta ‘il ghaliex:

1. M’ ghandhiex tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-konjugi C minhabba swat, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi li l-konvenuta ikkommettiet kontra zewgha l-attur, jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment ;
2. M’ ghandhomx japplikaw il-kundizzjonijiet dwar id-dritt ta’ access a favur ta’ l-attur ghall-imsemmija tifla minuri u l-manteniment dovur mill-attur lill-istess minorenni skond id-digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili tat-3 ta’ Marzu, 1998 u f’ kull digriet iehor li jiggarantrixxi dan id-dritt.

3. M’ ghandhomx jigu applikati kontra l-imsemmija konvenuta l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51 u 52 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta – 1984 ed.) in toto jew in parte.

4. M’ ghandiex tigi dikjarata xolta il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f’ zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-attur u l-ohra lill-istess konvenuta, okkorrendo b’ opera ta’ perit nominandi sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

5. M’ ghandux l-attur jigi awtorizzat ikompli jabita fid-dar matrimonjali formanti parti minn blokk bini bin-numru

175, Flat 14, f’ Tower Road, Sliema, sakemm tigi likwidata l-komunjoni ta’ l-akkwisti.

6. M’ ghandhiex il-konvenut tigi ordnata sabiex fi zmien perentorju lilha prefiss tivvaka l-imsemmija dar, hekk kif tigi likwida tal-komunjoni ta’ l-akkwisti.

Tikkundanna lill-konvenuta li tikkonsenja lill-attur il-beni parafernali u dotali tieghu.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri inkorsi quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili u spejjez legali ghall-ittri legali u ghall-hlas ta’ Perit biex jaghmel stima ta’ l-assi ghal-iskop ta’ likwidazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, kontra l-konvenuta li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet :

1. Illi preliminarjament ma jirrizultax illi l-konvenuta giet nominata sabiex tipprocedi ossija tidher bhala kuratrici ‘ad litem’ ta’ bintha minuri f’ din l-istanza, di piu’ l-utilita’ tal-minuri f’ din il-kawza ma hija cara xejn u l-istess minuri ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi l-ewwel talba ta’ l-attur ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali ma hijiex opposta b’ dan pero’ illi kienet l-istess attur illi gabet it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti.

3. Illi t-tieni talba hija opposta billi l-imgieba tal-attur hija tali illi ma tistax tigi affidat bil-kura tat-tifla minuri ghas-sieghat twal prospettati fid-digrieti imsemmija mill-istess attur f’ din it-talba.

4. Illi t-tielet talba hija opposta billi l-konvenuta qatt ma ta’ lok ghall-applikazzjoni tal-imsemmija artikoli tal-ligi kontra tieghu.

5. Illi t-talba ghall-likwidazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti mhiex opposta b’ dan pero’ illi jigi kkonsidrat illi kien l-istess attur illi gab it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-

kontendenti u ghalhekk ma hemmx lok ghall-applikazzjoni tad-disposizzjoni tal-Ligi citati mill-attur u di piu' l-attur iddekada minn porzjoni sostanzjali ta' sehemu mill-gid komuni.

6. Illi l-hames talba tal-attur hija opposta billi l-imsemmija dar konjugali ghandha tigi okkupata mill-konvenuta u mit-tifla minuri tal-kontendenti u mhux mill-attur illi jkun imsiefer ghal tlett kwarti mis-sena u juza l-imsemmija dar biss biex jistejqer mis-sokor u l-iljieli illi jaghmel jidderverti barra meta huwa jkun Malta.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda ;

Rat id-digriet moghti fl-udjenza tas-16 ta' Mejju 2002 li permezz tieghu gie ordnat li x-xhieda moghtija f' din il-kawza ghandhom jghoddu bhala xhieda fil-kawza 525/99 fl-ismijiet inversi;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali l-Avukat Dottor Noel Bartolo minnu debitament mahlufa;

Rat is-sentenza moghtija llum fil-kawza numru 525/99 fl-ismijiet D C vs B C;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob is-separazzjoni personali minn ma' martu ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 unikament imputabbli lil martu l-konvenuta, u li minhabba fihom iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment; kif ukoll sabiex jigu regolati l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni. Il-konvenuta minn naha taghha cahdet li t-tkissir taz-zwieg kien dovut ghal tortijiet attribwibbli lilha.

Illi l-Qorti taghmel referenza ampja ghas-sentenza moghtija minnha llum fil-kawza fl-ismijiet D C vs B C [Cit.525/99] li tirrigwarda meritu jdentiku ghall-meritu tal-kawza odjerna u taddotta l-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet kollha raggjunti minnha f' din il-kawza b' mod li dawn ghandhom jifformaw parti ntegrali mill-gudizzju odjern.

Ghal dawn ir-ragunijiet tiddecidi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba limitatament ghad-dikjarazzjoni ta-separazzjoni personali stante li z-zwieg tkisser irrevokabbilment, izda stante li ghal dan jahti biss l-attur, tichadha ghall-kumplament;

[2] tilqa' t-tieni talba in kwantu ghall-access, limitatament kif akkordat lilu fis-sentenza precitata; u tilqa' t-talba in kwantu ghall-manteniment dovut minnu lil bintu skond id-digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili tat-3 ta' Marzu 1998;

[3] tichad it-tielet talba;

[4] tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba, stante li l-komunjoni ta' l-akkwista diga giet xjolta u assenjata permezz tas-sentenza precitata ;

[5] tichad il-hames talba;

[6] tichad is-sitt talba;

[7] tichad is-seba talba, stante li ma rrizultax li l-konvenuta ghandha fil-pussess taghha proprjeta' dotali jew parafernali ta' l-attur;

L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta' l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------